MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-24 ta’ Mejju, 2023

Appell Inferjuri Numru 4/2022 LM

**Joseph Azzopardi (K.I. nru. 493157(M))**
*(‘l-appellant’)*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*(‘l-appellat’)*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Joseph Azzopardi (K.I. nru. 493157(M))** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellant’] mid-deċiżjoni mogħtija fid-29 ta’ April, 2022, numru 120/22 [minn issa ’l quddiem ‘id-deċiżjoni appellata’] mill-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa ’l quddiem ‘l-Arbitru’], li permezz

tagħha ddeċida li jiċħad l-appell tiegħu mid-deċiżjoni tat-22 ta' Lulju, 2020 tal-intimat **id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem 'id-Direttur Ġenerali appellat'], filwaqt li kkonferma l-istess deċiżjoni.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw l-imsemmija deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat tad-22 ta' Lulju, 2020 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat'] fejn awtorizza li mill-21 ta' Lulju, 2020 kellha tibda titħallas Pensjoni Kontributorja bir-rata ta' €126.24 fil-ġimgha, flimkien ma' Bonus Addizzjonali ta' €3.12 fil-ġimgha u Bonus tal-Għoli tal-Ħajja ta' €1.16 fil-ġimgħa pagabbli mal-Pensjoni Kontributorja, u Bonus ta' €135.10 pagabbli kull sitt xhur.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellant appella minn din id-deċiżjoni quddiem l-Arbitru fid-19 ta' Awwissu, 2020 fejn ikkontesta d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat, stante li din ingħatat mingħajr spjegazzjoni u għaliex ir-rata stabbilita għall-Pensjoni Kontributorja ma setgħetx tassew titqies li *"...tirrifletti għajxien xieraq għall-ħajja tal-lum għall-Appellant u l-familja tiegħu".*

4. Id-Direttur Ġenerali appellat wieġeb fl-20 ta' Novembru, 2020 fejn spjega li l-appellant għandu numru sew ta' kontribuzzjonijiet neqsin, u fin-nuqqas ta' prova min-naħa tiegħu li setgħet turi li huwa filfatt kien ħallas iktar kontribuzzjonijiet, id-Direttur Ġenerali appellat iddikjara li kien ser iżomm ferm il-pożizzjoni tiegħu, u sostna li l-appell għandu jiġi miċħud.

**Id-deċiżjoni appellata**

5. L-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Illi l-fulkru ta' kollox huwa l-perijodu 1981 sa 1985.*

*Filwaqt li l-appellat isostni, u dan kif pruvat mir-records tiegħu li l-appellant beda jirreġistra għax-xogħol fl-4 ta' Ottubru 1985, l-appellat jsostni li huwa beda jirreġistra għax-xogħol fis-sena 1981.*

*Illi din l-allegazzjoni da parti tal-appellat ma hija sapportata minn ebda dokumentazzjoni li juri xorta oħra f'liema ipotesi hija affermata l-posizzjoni tal-appellat.*

*Illi fid-dawl tal-posizzjoni meħuda mill-appellant u ċioé li fil-każ tiegħu hija applikabbli d-disposizzjoni 16(2)(d) tal-Kap 318, ssir referenza għall-artikolu 16(1) tal-Kap 318 u ċioé:*

16. (1) When a person pays his first contribution under this Act he shall become entitled to a credited contribution for every calendar week falling between the first day of the contribution year immediately preceding the one in which he paid his first contribution and the last day of the calendar week immediately preceding the week in respect of which his first contribution had been paid; and, for this purpose, if the first contribution had been paid under the provisions of the National Insurance Act, as in force prior to the commencement of this Act, such contribution shall be deemed to have been paid under the provisions of this Act

*Illi fid-dawl ta' dak kollu li jirriżulta mill-proċess, l-appellant ma jistax jibbenifika minn dak stabilit mill-art 16(2)(d) stante li huwa beda jirreġistra għax-xogħol fis-sena 1985 u a tenur tal-art 16 (1) l-appellant kien ikun intitolat għall-krediti minn dik l-ewwel ġurnata li huwa jkun ħallas l-ewwel kontribuzzjoni tiegħu.*

*Illi stante li minn imkien ma jirriżulta li l-appellant ħallas xi kreditu fis-sena 1981, it-talba tiegħu kif dedotta ma tistax tirnexxi"*

**L-Appell**

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fis-27 ta' Mejju, 2022, fejn qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex:

> *"...tħassar id-deċiżjoni tal-Arbitru u tiddikjara lill-Appellant bħala jikkwalifika għall-kontribuzzjonijiet akkreditati skont l-imsemmi Art. 16(2)(d) tal-Kap. 318, bil-konsegwenzjali reviżjoni tar-rata ta' pensjoni kontributorja mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali."*

7. Wara li ġie debitament awtorizzat permezz tad-digriet ta' din il-Qorti tat-18 ta' Jannar, 2023, l-appellant żied is-segwenti talba:

> *"Konsegwenzjalment, tiddikjara lill-appellant bħala illi jikkwalifika għall-kontribuzzjonijiet ta' diżimpjieg,* injury benefit *u* sickness benefit *bejn is-sena 1985 u s-sena 2000, bil-konsegwenzjali reviżjoni tar-rata ta' pensjoni kontributorja mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali."*

Jikkontendi fost affarijiet oħra, li l-Arbitru naqas milli jieħu in konsiderazzjoni ta' disa' kontribuzzjonijiet tal-Ewwel Klassi u tmien kontribuzzjonijiet tat-Tieni Klassi li tħallsu fis-sena 1981.

8. Id-Direttur Ġenerali appellat wieġeb fit-22 ta' Ġunju, 2022 fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell tal-appellant jew li tiddikjara l-mertu eżawrit, u b'hekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu, u dan bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.

**<u>Provi</u>**

9. Waqt l-udjenza tas-7 ta' Ottubru, 2022, xehed Mark Schembri, Assistent Direttur fit-Taqsima tal-Pensjonijiet, prodott mid-Direttur Ġenerali appellat. Spjega b'riferiment għall-para. (d) tas-subartikolu 16(2) tal-Kap. 318, li l-appellant kien ħadem sal-1 ta' Ottubru, 1985 u għalhekk kien għadu jħallas il-kontribuzzjonijiet u ma kienx intitolat li jiġi debitament akkreditat fir-rigward tat-tfal, għajr mill-għada li waqaf jaħdem. Kompla jispjega li fir-rigward tal-

ewwel wild, huwa kien ingħata kreditu ta' 104 u tat-tieni wild ingħata kreditu ta' 72.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

10. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tal-appellant, flimkien mat-tweġiba tad-Direttur Ġenerali appellat, u dan filwaqt li tqis ukoll l-osservazzjonijiet tal-Arbitru kif jirriżultaw fid-deċiżjoni appellata.

11. L-appellant filwaqt li jagħmel riferiment għan-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri li huwa kien ippreżenta quddiem l-Arbitru, fejn irrileva li kien hemm raġuni ġustifikata u rikonoxxuta mil-liġi *ai termini* tal-para. (d) tas-subartikolu 16(2) tal-Kap. 318 għaliex huwa kien waqqaf il-kontribuzzjonijiet bejn is-sena 1981 u 1985, spjega li huwa kien talab li jiżdiedu l-kontribuzzjonijiet akkreditati għal dak il-perijodu għaliex huwa kellu l-kura u l-kustodja ta' żewġt itfal taħt l-età ta' sitt snin. Spjega li d-dokumentazzjoni relattiva kienet ġiet ippreżentata *seduta stante*. Jgħid li madankollu l-Arbitru għamel riferiment għal dak li jipprovdi is-subartikolu 16(1) tal-istess liġi, u għadda sabiex iddeċieda li huwa ma setax jibbenefika mid-disposizzjonijiet tal-para. (d) tas-subartikolu 16(2). Irrileva li huwa qed jikkontesta dak li qal l-Arbitru għaliex huwa kien esebixxa dokument li nħareġ mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali minn fejn kien jirriżulta li fis-sena 1981 ġew akkreditati kontribuzzjonijiet kemm tal-Ewwel u kemm tat-Tieni Klassi. L-appellant spjega li l-Arbitru kien saħansitra naqas li jieħu in konsiderazzjoni disa' kontribuzzjonijiet tal-Ewwel Klassi u tmien kontribuzzjonijiet tat-Tieni Klassi li kienu tħallsu fis-sena 1981. Ikompli jispjega li f'dan il-każ odjern, l-omm issofri minn indeboliment tal-vista u minħabba

f'hekk hija ma setgħetx tieħu ħsieb lil uliedha waħedha meta kienu għadhom zgħar, u kif kien spjega lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, huwa kellu jagħmel żmien id-dar biex jgħinha. L-appellant jissottometti li l-para. (d) tas-subartikolu 16(2) joffri l-opportunità li wieħed jakkredita l-kontribuzzjonijiet hekk kif huwa jsib ruħhu f'diffikultajiet, tant li ma jkunx jista' ikompli jħallas il-kontribuzzjonijiet, u b'hekk ikun spiċċa b'kontribuzzjonijiet nieqsa.

12. Id-Direttur Ġenerali appellat wara li spjega l-fatti tal-każ odjern, b'riferiment għat-talba tal-appellant, jirrileva li llum din tinstab sorvolata stante li d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali rreveda r-rata ta' pensjoni kontributorja tiegħu fis-6 ta' Diċembru, 2021, u dan billi ġew applikati d-disposizzjonijiet tal-para. (d) tas-subartikolu 16(2) tal-Kap. 318. B'hekk id-deċiżjoni tiegħu kienet ukoll ġiet riveduta wara li ġew miżjuda 176 krediti a tenur tal-istess paragrafu tal-liġi. Irrileva li huwa mhux qed jaqbel mal-aggravji tal-appellant, u jgħid li jaqbel mal-Arbitru sakemm dan ikkonferma d-deċiżjoni tiegħu, iżda mhux fejn għamel diversi konsiderazzjonijiet li jolqtu l-para. (d) tas-subartikolu 16(2) tal-Kap. 318. Id-Direttur Ġenerali appellat irrileva wkoll li l-partijiet kienu naqsu milli jgħarrfu lill-Arbitru dwar il-fatt li l-appellant kien ġie debitament ikkreditat. Dwar l-aggravji tal-appellant, id-Direttur Ġenerali appellat jispjega li sabiex huwa wasal għad-deċiżjoni tiegħu, huwa kien ħa in konsiderazzjoni d-disa' kontribuzzjonijiet tal-Ewwel Klassi u t-tmien kontribuzzjonijiet tat-Tieni Klassi li tħallsu fis-sena 1981. Għal dak li jirrigwarda l-kontribuzzjonijiet ta' diżimpjieg, *injury benefit* u *sickness benefit,* id-Direttur Ġenerali appellat stqarr li huwa kien qed iżomm ferm il-pożizzjoni tiegħu kif spjegata mill-Assistent Direttur Adrian Sacco, u hawnhekk jagħmel riferiment għan-nota li ġiet ippreżentata quddiem l-Arbitru. Ikompli jgħid li fis-sena 1985, l-appellant kien għamel talba għal

*unemployment benefits (UB),* iżda ma setax ikun intitolat għal *unemployment benefit credits* għaliex huwa ma setax jgħaddi mit-tieni test kontributorju għal *claim* ta' *unemployment benefits* fl-1985 minħabba s-segwenti raġunijiet: (i) l-aħħar kontribuzzjonijiet tal-bolla tiegħu li saru fl-1981, kienu tat-Tieni Klassi, u sal-1996 is-*self-employed* ma kienux intitolati għal *unemployment benefit credits;* (ii) huwa ma kellux kontribuzzjonijiet jew krediti tal-Ewwel Klassi li kienu tħallsu bejn Mejju 1981 u l-*Claim* li saret fl-1985 għal *unemployment benefit.* Għalhekk id-deċiżjoni tiegħu kienet tajba meta ngħatat fit-22 ta' Lulju, 2020. Jgħid li madankollu l-appell odjern mhuwiex dwar krediti relatati ma' *unemployment benefits, injury* jew *sickness benefits,* iżda huwa dwar il-para. (d) tas-subartikolu 16(2) tal-Kap. 318. Wara li jiċċita d-disposizzjonijiet tas-subartikolu imsemmi, id-Direttur Ġenerali appellat jispjega li skont il-para. (d) tiegħu, l-appellant ma setax jirċievi kreditu ta' kontribuzzjonijiet għall-perijodu sħiħ bejn is-sena 1981 sas-sena 2000, iżda biss sa massimu ta' 104 kontribuzzjonijiet għal kull wild f'perijodu ta' sentejn. Id-Direttur Ġenerali appellant imbagħad jgħaddi sabiex jispjega kif sussegwentement fis-6 ta' Diċembru, 2021, huwa kien irreveda r-rata tal-pensjoni kontributorja tal-appellant fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-imsemmi para. (d) tas-subartikolu 16(2). B'hekk jikkontendi li t-talba tal-appellant tinstab eżawrita fejn din tolqot id-disposizzjonijiet tal-liġi msemmija, iżda huwa kien ser jibqa' iżomm ferm il-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-appellant, u li huwa ma setax jibbenefika minn krediti marbuta ma' *unemployment benefits, sickness benefits* u *injury benefits.* Għalhekk jissottometti li d-deċiżjoni tal-Arbitru hija korretta, għajr fejn iddikjara li l-appellant ma setax jibbenefika minn

dak stabbilit mill-para. (d) tas-subartikolu 16(2) tal-Kap. 318, u fejn iddikjara li l-istess appellant ma kienx ħallas il-kontribuzzjonijiet fis-sena 1981.

13. Ġaladarba l-ewwel talba li l-appellant qed iressaq quddiem din il-Qorti ġiet sorvolata permezz ta' reviżjoni tar-rata tal-pensjoni tiegħu wara li d-Direttur Ġenerali appellat ikkunsidra d-disposizzjonijiet tal-para. (d) tas-subartikolu 16(2) tal-Kap. 318, tgħid li m'hemmx lok li l-imsemmija talba tiġi kkunsidrata ulterjorment. Għal dak li jirrigwarda t-tieni talba tiegħu, li tolqot il-pretiż kreditu tiegħu mill-benefiċċji ta' diżimpjieg, korriment u mard, il-Qorti tgħid li l-pożizzjoni meħuda mid-Direttur Ġenerali appellat hija tajba. Tibda billi tikkunsidra li l-appellant mhux qed jikkontesta l-fatt li l-ebda kontribuzzjoni oħra ma saret fil-perijodu bejn l-1981 u l-1985, għajr għal dawk il-kontribuzzjonijiet tal-Ewwel Klassi u tat-Tieni Klassi li tħallsu fis-sena 1981, u li ġew meħuda in konsiderazzjoni mid-Direttur Ġenerali appellat għall-fini ta' reviżjoni tar-rata tal-pensjoni tiegħu skont id-disposizzjonijiet tal-para. (d) tas-subartikolu 16(2) tal-Kap. 318 kif fuq ingħad. Għalhekk it-tieni raġuni li jagħti d-Direttur Ġenerali appellat għad-deċiżjoni tiegħu hija tajba. Imma anki l-ewwel raġuni tiegħu tirriżulta tajba, meħud in konsiderazzjoni li tassew l-aħħar kontribuzzjoni li saret fl-1981 kienet tat-Tieni Klassi bħala persuna mpjegata għal rasha, fejn sa meta daħlu fis-seħħ l-emendi tal-Att XXI tal-1996, dawn ma setgħux jiġu kkunsidrati ntitolati għal *unemployment benefit credits.* Għaldaqstant it-tieni talba tal-appellant ma tirriżultax ġustifikata.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba tiegħu, tiċħad it-tieni talba tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Arbitru u dawk tal-appell odjern għandhom jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**